MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tad-9 ta' April, 2013

Numru. 736/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR MAURICE CURMI**

**VS**

**KEITH CAMILLERI**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Keith Camilleri, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 481481 (M).

**Akkuzat talli:**

Bejn Mejju u Lulju 2012, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jkisru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta` ismijiet foloz jew ta` kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta` intraprizi foloz, jew ta` hila, setgha fuq haddiehor, jew ta` krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza` dwar grajja kimerika, ghamel qliegh ta` aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), u cioe` is-somma ta` circa €7,174.71 ghad-dannu tas-segwenti socjetajiet **Hansa Wines and Spirits Limited, Digital Planet Limited** u **Vincent Hardware Stores**, ai terminu ta` l-artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;
Talli fl-istess zmien, lok u cirkustanzi xjentement ghamel uzu minn dokumenti foloz, ai termini ta` l-artikolu 184 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

Aktar talli sar recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), datata 29 ta` Mejju 2008, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula, ai terminu tal-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta` Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna l-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Il-Qorti:**

Wara li rat l-Artikoli 18, 308, 309, 310, 184, 49 u 50 tal-Kodici Kriminali tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

Wara li rat il-provi prodotta u semghet ix-xhieda mressqa;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-ammissjoni volontarja u kkondizzjonata tal-imputat ghall-imputazzjonijiet lilu addebitati mill-prosekuzzjoni ma jhallu ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief li ssib lill-imputat hati kif akkuzat. Fir-rigward tal-piena l-Qorti wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, u specjalment li l-imputat ilu arrestat fuq dan ir-reat u skont diga ghaxar (10) xhur tal-habs, temmen illi f'dan il-kaz piena karcerarja esekuttiva hija mehtiega. Ghaldaqstant filwaqt illi ssib l-imputat hati kif akkuzat tikkundannah ghal terminu ta` prigunerija ghal tmintax (18) -il xahar li minnhom ghandhom jitnaqqsu l-perjodu li huwa dan taht arrest. Inoltre din il-Qorti qedgha tirrakommanda li l-imputat isegwi kors ta` reabilitazzjoni mill-uzu tad-droga u tibghat din ir-rakomandazzjoni lid-Direttur tal-Habs.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------